Nru./No. 21,153
Prezz/Price
€3.24

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 21 ta' Novembru, 2023
Tuesday, 21st November, 2023

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 13,793 - 13,814
Government Notices ..... *13,793 - 13,814*

Avviżi tal-Pulizija ..... 13,814 - 13,816
Police Notices ..... *13,814 - 13,816*

Avviżi lill-Baħħara ..... 13,816 - 13,818
Notices to Mariners ..... *13,816 - 13,818*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 13,819 - 13,821
Employment Opportunities ..... *13,819 - 13,821*

Avviżi tal-Gvern ..... 13,821 - 13,826
Notices ..... *13,821 - 13,826*

Offerti ..... 13,826 - 13,830
Tenders ..... *13,826 - 13,830*

Avviżi tal-Qorti ..... 13,830 - 13,860
Court Notices ..... *13,830 - 13,860*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1603

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru 74 imsejjaħ l-Att tal-2023 li jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali.

Il-21 ta' Novembru, 2023

Nru. 1604

MINISTERU GĦAT-TRASPORT, INFRASTRUTTURA U PROĠETTI KAPITALI

Kumitat Marittimu dwar is-Sigurtà u l-Prevenzjoni ta' Tniġġis

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali approva l-ħatra tas-Sur Godwin Mifsud, Segretarju Permanenti fil-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali, bħala Chairperson tal-Kumitat Marittimu dwar is-Sigurtà u l-Prevenzjoni ta' Tniġġis, imwaqqaf skont Regolament 20 tar-Regolamenti dwar Sorveljar u Ħtieġa li jsiru Rapporti fit-Traffiku ta' Bastimenti (L.S. 499.34).

Din il-ħatra hija b'seħħ mit-22 ta' Ottubru, 2023 sal-21 ta' Ottubru, 2024.

Il-21 ta' Novembru, 2023

Nru. 1605

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (KUMMERĊ)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet approva l-ħatra temporanja li ġejja:

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Is-Sur Brian Montebello	Direttur Ġenerali *Director General*	Kummerċ *Commerce*	19 - 24.11.2023

Il-21 ta' Novembru, 2023

GOVERNMENT NOTICES

No. 1603

PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 74 entitled the Employment and Industrial Relations (Amendment) Act, 2023.

21st November, 2023

No. 1604

MINISTRY FOR TRANSPORT, INFRASTRUCTURE AND CAPITAL PROJECTS

Maritime Safety and Pollution Prevention Committee

IT is notified for general information that the Minister for Transport, Infrastructure and Capital Projects has approved the appointment of Mr Godwin Mifsud, Permanent Secretary in the Ministry for Transport, Infrastructure and Capital Projects, as Chairperson of the Maritime Safety and Pollution Prevention Committee, established according to Regulation 20 of the Vessel Traffic Monitoring and Reporting Requirements Regulations (S.L. 499.34).

This appointment is effective as from the 22nd October, 2023 to the 21st October, 2024.

21st November, 2023

No. 1605

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (COMMERCE)

THE Permanent Secretary in the Ministry for the Economy, European Funds and Lands has approved the following acting appointment:

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Is-Sur Brian Montebello	Direttur Ġenerali *Director General*	Kummerċ *Commerce*	19 - 24.11.2023

21st November, 2023

Nru. 1606

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,149 tal-14 ta' Novembru, 2023 (Avviżi Legali 264 sa 267) u Nru. 21,152 tas-17 ta' Novembru, 2023 (Avviżi Legali 268 sa 269) rispettivament.

A.L. 264 tal-2023: Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali (Kap. 439); Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Standards Minimi għall-Protezzjoni tal-Majjali.

A.L. 265 tal-2023: Att dwar is-Sħubija ta' Malta fil-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (Kap. 347); Regolamenti tal-2023 li jemendaw l-Iskeda li tinsab mal-Att dwar is-Sħubija ta' Malta fil-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp.

A.L. 266 tal-2023: Att dwar it-Taxxa Fuq l-Income (Kap. 123); Regoli tal-2023 li jemendaw ir-Regoli dwar Tnaqqis u Krediti ta' Taxxa (Kwalifiki Rilevanti għall-Industrija).

A.L. 267 tal-2023: Att dwar il-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (Kap. 627), Regolamenti tal-2022 dwar il-Mekkaniżmu Nazzjonali ta' Koordinazzjoni għall-Konvenzjoni UNCRPD (A.L 209 tal-2022) (L.S. 627.01); Avviż ta' Bidu fis-Seħħ.

A.L. 268 tal-2023: Att dwar Arranġamenti u Servizzi ta' Teknoloġija Innovattiva (Kap. 592); Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Drittijiet li jitħallsu fir-rigward ta' Arranġamenti u Servizzi ta' Teknoloġija Innovattiva.

A.L. 269 tal-2023: Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Kap. 371); Ordni tal-2023 dwar Dikjarazzjoni ta' Vaganzi tal-Banek.

Il-21 ta' Novembru, 2023

No. 1606

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette No. 21,149 of 14th November, 2023 (Legal Notices 264 to 267) and No. 21,152 of 17th November, 2023 (Legal Notices 268 to 269) respectively.

L.N. 264 of 2023: Animal Welfare Act (Cap. 439); Minimum Standards for the Protection of Pigs (Amendment) Regulations, 2023.

L.N. 265 of 2023: Malta Membership of the European Bank for Reconstruction and Development Act (Cap. 347); Malta Membership of the European Bank for Reconstruction and Development Act (Amendment of Schedule) Regulations, 2023.

L.N. 266 of 2023: Income Tax Act (Cap. 123); Deductions and Tax Credits (Relevant Qualifications for Industry) (Amendment) Rules, 2023.

L.N. 267 of 2023: United Nations Convention on the Rights of Persons with Disabilities Act (Cap. 627), UNCRPD National Coordination Mechanism Regulations, 2022 (L.N 209 of 2022) (S.L. 627.01); Commencement Notice.

L.N. 268 of 2023: Innovative Technology Arrangements and Services Act (Cap. 592); Innovative Technology Arrangements and Services (Fees) (Amendment) Regulations, 2023.

L.N. 269 of 2023: Banking Act (Cap. 371); Declaration of Bank Holidays Order, 2023.

21st November, 2023

Nru. 1607

KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI (KAP. 12)

Esperti Maħtura mill-Qorti – Accountants 2024

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-persuni msemmija hawn taħt ġew maħtura fuq il-Panel ta' Accountants għall-perjodu mill-1 ta' Jannar, 2024 sal-31 ta' Diċembru, 2024, jew dak il-perjodu iqsar li jista' jiġi deċiż minn Bord maħtur għall-istass għan.

No. 1607

CODE OF ORGANIZATION AND CIVIL PROCEDURE (CAP. 12)

Court Appointed Experts – Accountants 2024

IT s notified for general information that the persons mentioned hereunder have been nominated on the Panel of Accountants for the period from the 1st Janurary, 2024 till the 31st December, 2024, or for such a shorter term as may be decided by a Board for such purpose.

Abela, Matthew – M. Accty, Masters of Science in Blockchain and DLT, B.Com, CPA, Practising Certificate in Auditing – CPA

Agius, Alexander – CPC (pc), FIA, MBA (Henley), Dip. (Tax), MIT, MIM

Bonello Ghio, Stefan – BA (Hons), FIA, FCCA, Registered Auditor

Borg Cuschieri, Cassandra – ACCA, MBA spec HRM

Callus, Marixei – ACCA/MIA

Dalli, Antoine – B. Accountancy Hons, MBA in International Management CPA (pc), CISA

Debattista, John – Accountancy degree from UoM

Falzon, Nadia – B.Accty. (Hons) CPA, Dip. Tax

Galea-Lauri, Hilary – FCCA, FIA, CPA with a Practice Certificate in Auditing

Magro Delia, Diane – CPA pc(Aud), FCCA, BA Hons (Acctcy), BCom

Magro, Dunstan – CPA pc(aud) FIA MA in Business Ethics (Melit.) BA (Hons) Acctcy BCom

Mercieca Zammit, Stefanel – ACCA, MBA, Cert. in Tax

Micallef, Kurt – ACCA Qualified (Level 7) MIT Course on Taxation (Level 6)

Mirabile, Giovanna – ACCA, MIA, CPA, MBA

Pace, Nadine – ACCA, Diploma in Tax

Portelli, Antoine – BA (Hons) Accountancy, CPA, FIA

Ronsisvalle, Francesco – ACCA

Sciberras, Adrian – FCCA, MIA, CPA, LLB (Hons), M.Adv. (Melit.)

Shoaib, Muhammad – ACCA, MIA, MSc Degree (Accounting)

Il-21 ta' Novembru, 2023

Nru. 1608

ORDNI MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 113 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), il-Ministru għall-Ġustizzja għamel din l-Ordni li permezz tagħha l-Ordni ta' Adozzjoni datata 19 ta' Lulju, 2023, mogħtija mill-Office of the District Magistrate ta' Nagpur ġewwa l-Indja, qiegħda tkun speċifikata bħala adozzjoni bejn pajjiż u ieħor tal-persuna hemmhekk imsemmija u dan ai termini tal-Artikoli 113, 130 u 130A tal-Kodiċi Ċivili.

(Iff.) Av. Jonathan Attard
Ministru għall-Ġustizzja

Il-21 ta' Novembru, 2023

Nru. 1609

ORDNI MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 113 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), il-Ministru għall-Ġustizzja għamel din l-Ordni li permezz tagħha l-Ordni ta' Adozzjoni datata

Abela, Matthew – M. Accty, Masters of Science in Blockchain and DLT, B.Com, CPA, Practising Certificate in Auditing – CPA

Agius, Alexander – CPC (pc), FIA, MBA (Henley), Dip (Tax), MIT, MIM

Bonello Ghio, Stefan – BA (Hons), FIA, FCCA, Registered Auditor

Borg Cuschieri, Cassandra – ACCA, MBA spec HRM

Callus, Marixei – ACCA/MIA

Dalli, Antoine – B. Accountancy Hons, MBA in International Management CPA (pc), CISA

Debattista, John – Accountancy degree from UoM

Falzon, Nadia – B.Accty. (Hons) CPA, Dip. Tax

Galea-Lauri, Hilary – FCCA, FIA, CPA with a Practice Certificate in Auditing

Magro Delia, Diane – CPA pc(Aud), FCCA, BA Hons (Acctcy), BCom

Magro, Dunstan – CPA pc(Aud) FIA MA in Business Ethics (Melit.) BA (Hons) Acctcy BCom

Mercieca Zammit, Stefanel – ACCA, MBA, Cert. in Tax

Micallef, Kurt – ACCA Qualified (Level 7) MIT Course on Taxation (Level 6)

Mirabile, Giovanna – ACCA, MIA, CPA, MBA

Pace, Nadine – ACCA, Diploma in Tax

Portelli, Antoine – BA (Hons) Accountancy, CPA, FIA

Ronsisvalle, Francesco – ACCA

Sciberras, Adrian – FCCA, MIA, CPA, LLB(Hons), M.Adv. (Melit.)

Shoaib, Muhammad – ACCA, MIA, MSc Degree (Accounting)

21st November, 2023

No. 1608

ORDER OF THE MINISTER FOR JUSTICE

IN exercise of the powers conferred by Article 113 of the Civil Code (Cap. 16), the Minister for Justice has made this Order whereby the Adoption Order dated 19th July, 2023, issued by the Office of the District Magistrate of Nagpur, India, is being specified as an adoption of the person therein mentioned for the purposes of Articles 113, 130 and 130A of the Civil Code.

(Sgd) Dr Jonathan Attard
Minister for Justice

21st November, 2023

No. 1609

ORDER OF THE MINISTER FOR JUSTICE

IN exercise of the powers conferred by Article 113 of the Civil Code (Cap. 16), the Minister for Justice has made this Order whereby the Adoption Order dated 22nd March, 2023,

22 ta' Marzu, 2023, mogħtija mill-Office of the District Magistrate, Uttar Pradesh ġewwa l-Indja, qiegħda tkun speċifikata bħala adozzjoni bejn pajjiż u ieħor tal-persuna hemmhekk imsemmija u dan a termini tal-Artikoli 113, 130 u 130A tal-Kodiċi Ċivili.

(Iff.) Av. Jonathan Attard
Ministru għall-Ġustizzja

Il-21 ta' Novembru, 2023

issued by the Office of the District Magistrate, Uttar Pradesh, India, is being specified as an adoption of the person therein mentioned for the purposes of Articles 113, 130 and 130A of the Civil Code.

(Sgd) Dr Jonathan Attard
Minister for Justice

21st November, 2023

Nru. 1610

ORDNI MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 113 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), il-Ministru għall-Ġustizzja għamel din l-Ordni li permezz tagħha l-Ordnijiet ta' Adozzjoni datati 26 ta' Lulju, 2022, mogħtija mill-Qorti tal-Familja ġewwa Swansea, l-Inghilterra, qiegħda tkun speċifikata bħala adozzjoni tal-persuna hemmhekk imsemmija u dan a termini tal-Artikoli 113 u 130 tal-Kodiċi Ċivili.

(Iff.) Av. Jonathan Attard
Ministru għall-Ġustizzja

Il-21 ta' Novembru, 2023

No. 1610

ORDER OF THE MINISTER FOR JUSTICE

IN exercise of the powers conferred by Article 113 of the Civil Code (Cap. 16), the Minister for Justice has made this Order whereby the Adoption Orders dated 26th July, 2022, issued by the Family Court at Swansea, England, are being specified as an adoption of the person therein mentioned for the purposes of Articles 113, 130 and 130A of the Civil Code.

(Sgd) Dr Jonathan Attard
Minister for Justice

21st November, 2023

Nru. 1611

ORDNI MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 113 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), il-Ministru għall-Ġustizzja għamel din l-Ordni li permezz tagħha l-Ordni ta' Adozzjoni datata 20 ta' Diċembru, 2022, mogħtija mill-Office of the District Magistrate Aurangabad ġewwa l-Indja, qiegħda tkun speċifikata bħala adozzjoni bejn pajjiż u ieħor tal-persuna hemmhekk imsemmija u dan ai termini tal-Artikoli 113, 130 u 130A tal-Kodiċi Ċivili.

(Iff.) Av. Jonathan Attard
Ministru għall-Ġustizzja

Il-21 ta' Novembru, 2023

No. 1611

ORDER OF THE MINISTER FOR JUSTICE

IN exercise of the powers conferred by Article 113 of the Civil Code (Cap. 16), the Minister for Justice has made this Order whereby the Adoption Order dated 20th December, 2022, issued by the Office of the District Magistrate Aurangabad, India, is being specified as an adoption of the person therein mentioned for the purposes of Articles 113, 130 and 130A of the Civil Code.

(Sgd) Dr Jonathan Attard
Minister for Justice

21st November, 2023

Nru. 1612

ORDNI MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 113 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), il-Ministru għall-Ġustizzja għamel din l-Ordni li permezz tagħha l-Ordni ta' Adozzjoni datata 20 ta' Diċembru, 2022, mogħtija mid-District Magistrate at Pune ġewwa l-Indja, qiegħda tkun speċifikata bħala adozzjoni

No. 1612

ORDER OF THE MINISTER FOR JUSTICE

IN exercise of the powers conferred by Article 113 of the Civil Code (Cap. 16), the Minister for Justice has made this Order whereby the Adoption Order dated 20th December, 2022, issued by the District Magistrate at Pune, India, is being specified as an adoption of the person therein

bejn pajjiż u ieħor tal-persuna hemmhekk imsemmija u dan ai termini tal-Artikoli 113, 130 u 130A tal-Kodiċi Ċivili.

(Iff.) Av. Jonathan Attard
Ministru għall-Ġustizzja

Il-21 ta' Novembru, 2023

Nru. 1613

ORDNI MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 113 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), il-Ministru għall-Ġustizzja għamel din l-Ordni li permezz tagħha l-Ordni ta' Adozzjoni datata 25 ta' April, 2023, mogħtija mid-District Magistrate ta' Murshidabad District ġewwa West Bengal, l-Indja, qiegħda tkun speċifikata bħala adozzjoni bejn pajjiż u ieħor tal-persuna hemmhekk imsemmija u dan a termini tal-Artikoli 113, 130 u 130A tal-Kodiċi Ċivili.

(Iff.) Av. Jonathan Attard
Ministru għall-Ġustizzja

Il-21 ta' Novembru, 2023

Nru. 1614

ORDNI MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 113 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), il-Ministru għall-Ġustizzja għamel din l-Ordni li permezz tagħha l-Ordni ta' Adozzjoni datata 15 ta' Novembru, 1982, mogħtija mid-District Court of Colombo ġewwa Sri Lanka, qiegħda tkun speċifikata bħala adozzjoni tal-persuna hemmhekk imsemmija u dan a termini tal-Artikoli 113, 130 u 130A tal-Kodiċi Ċivili.

(Iff.) Av. Jonathan Attard
Ministru għall-Ġustizzja

Il-21 ta' Novembru, 2023

Nru. 1615

MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL

BIS-SAĦĦĦA tas-setgħat mogħtija bir-regolament 13 (1) (b) tat-Tlettax-il Skeda (Riċevuti Fiskali) tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, il-Kummissarju tat-Taxxa jgħarraf illi t-tipi ta' cash registers fiskali ġew approvati:

Marka *Brand*	Mudell *Model*	Bejjiegħ *Supplier*
RCH	Fiscal Printer & Cash Register – Print! F & Cortina 59	Gozo Business Systems Ltd

Il-21 ta' Novembru, 2023

mentioned for the purposes of Articles 113, 130 and 130A of the Civil Code.

(Sgd) Dr Jonathan Attard
Minister for Justice

21st November, 2023

No. 1613

ORDER OF THE MINISTER FOR JUSTICE

IN exercise of the powers conferred by Article 113 of the Civil Code (Cap. 16), the Minister for Justice has made this Order whereby the Adoption Order dated 25 ta' April, 2023, issued by the District Magistrate of Murshidabad District, West Bengal, India, is being specified as an adoption of the person therein mentioned for the purposes of Articles 113, 130 and 130A of the Civil Code.

(Sgd) Dr Jonathan Attard
Minister for Justice

21st November, 2023

No. 1614

ORDER OF THE MINISTER FOR JUSTICE

IN exercise of the powers conferred by Article 113 of the Civil Code (Cap. 16), the Minister for Justice has made this Order whereby the Adoption Order dated 15th November, 1982, issued by the District Court of Colombo, Sri Lanka, is being specified as an adoption of the person therein mentioned for the purposes of Articles 113, 130 and 130A of the Civil Code.

(Sgd) Dr Jonathan Attard
Minister for Justice

21st November, 2023

No. 1615

MINISTRY FOR FINANCE AND EMPLOYMENT

IN exercise of the powers conferred by regulation 13 (1) (b) of the Thirteenth Schedule (Fiscal Receipts) of the Value Added Tax Act, the Commissioner for Revenue notifies that the following types of fiscal cash registers have been approved:

Marka *Brand*	Mudell *Model*	Bejjiegħ *Supplier*
RCH	Fiscal Printer & Cash Register – Print! F & Cortina 59	Gozo Business Systems Ltd

21st November, 2023

Nru. 1616

ATT DWAR SELF TAL-GVERN U L-AMMINISTRAZZJONI TAD-DEJN PUBBLIKU (KAP. 575)

Avviż ta' Ħruġ ta' Kalendarju

Dan il-kalendarju juri t-tul ta' żmien għal kull bill tat-Teżor li ser jinħareg kull ġimgħa għax-xahar ta' Diċembru 2023 u li huwa ppubblikat mill-Accountant General skont u għall-finijiet ta' regolament 7 tar-Regolamenti dwar il-Bills tat-Teżor ta' Malta tal-2017:

No. 1616

GOVERNMENT BORROWING AND MANAGEMENT OF PUBLIC DEBT ACT (CAP. 575)

Notice of Issuance Calendar

The following calendar shows the tenor of individual weekly issues of Treasury bills for the month of December 2023 and is published by the Accountant General in terms of regulation 7 of the Malta Treasury Bills Regulations 2017:

MONDAY	TUESDAY	WEDNESDAY	THURSDAY	FRIDAY
04	**05** **TB** Tender Date	**06**	**07** **TB** Issue of 91 days maturing 7 March 2024 & 182 days maturing 6 June 2024	**08** Public Holiday
11 **TB** Tender Date	**12**	**13** Public Holiday	**14** **TB** Issue of 91 days maturing 14 March 2024 & 182 days maturing 13 June 2024	**15**
18	**19** **TB** Tender Date	**20**	**21** **TB** Issue of 91 days maturing 21 March 2024 & 182 days maturing 20 June 2024	**22**
25 Christmas Day	**26** Bank Holiday	**27** **TB** Tender Date	**28**	**29** **TB** Issue of 90 days maturing 28 March 2024 & 181 days maturing 27 June 2024

Notes: *Note: TB = Treasury Bills*

1. Public Treasury bills auctions are held regularly every week, typically on Tuesdays. Successful bids are settled on the following Thursday on a T+2 settlement cycle.

2. When the auction date, or the settlement date, or any day in between the auction date and the settlement date falls on a non-business day, the auction takes place on the first business day of the same week.

3. Interest (discount) is always calculated on the actual number of days involved.

4. Bids on tender forms which are available from the Treasury, are to reach the Treasury by 10.00 a.m (CET) on the auction date. Such bids may either be transmitted by fax on 25967210, or by e-mail at the e-mail addresses prescribed on the application form.

5. Only offers with a definite yield quoted to three (3) decimal places shall be considered.

6. Bids must be for a minimum of €250,000 nominal i.r.o. the 28 day tenor, and €50,000 nominal for other tenors. Above these minimum amounts, bids must be made in multiples of €1,000.

7. With regard to the tenor, the following days will apply:
1 month = typically 28 days; 3 months = typically 91 days;
6 months = typically 182 days; 9 months = typically 273 days;
12 months = typically 364 days.

8. In the event of pro-rata allocation, the bidder shall accept any portion of the amount tendered, at the same yield as that tendered for the whole amount.

9. The bidders whose tenders are accepted or rejected under the standard auctions will be informed on the same day on which the auction is held.

10. Settlement (T+2) of amount allotted is to be made by not later than 10.00 a.m CET on the date on which the relative Bills are dated. Settlement is to be made by bank transfer to the credit of the public account held with Central Bank of Malta as indicated on the Letter of Acceptance.

11. The Accountant General reserves the right not to allot any Treasury bills on offer without assigning any reason. For further information please refer to the Malta Treasury Bills Regulations and the Malta Treasury Bills General Prospectus at (www.treasury.gov.mt).

21st November, 2023

Nru. 1617

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ DOKUMENTI U TRASFERIMENTI (KAP. 364)

Avviż skont l-Artikolu 61(1)

SKONT id-dispożizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 61 (1) tal-Att dwar it-taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana b'dan jgħarraf lill-persuni msemmija aktar 'l isfel biex imorru fid-Dipartiment tal-Capital Transfer Duty, 46, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta, sabiex jigbru l-avvizi magħmula fuqhom.

No. 1617

DUTY ON DOCUMENTS AND TRANSFERS ACT (CAP. 364)

Notice in terms of Article 61(1)

IN terms of the proviso to article 61 (1) of the Duty on Documents and Transfers Act, the Commissioner for Tax and Customs hereby notifies the persons listed hereunder to call at the Capital Transfer Duty Department, 46, Triq il-Merkanti, Valletta, to collect the notices made on such persons.

Isem *Name*	Karta tal-Identità *ID Number*	Numru tat-Talba *Claim Number*
Refalo Luke	144290M	IV 156455
Pace Mary	690139M	IV 157728
Camilleri Samuel	375292M	IV 157619
Scardino Aldo	429889M	IV 157150
Pace Sharlon et	166480M	IV 154606
Fenech Mavrick	321488M	IV 157511
Hincks Gary Richard	63286A	IV 154121
Banks Charlene	40372A	IV 155170
Wasim Ahmed Abdelbagi	24088A	IV 156883
Canova Joyce	890782825	IV 154153
Gozzo Antonio	890783526	IV 154163
Turning Point Investments Limited	Roc. No. C51070	IV 157662
Bonjour Design Limited	Roc. No. C74414	IV 157710
Ferris Gabriel	167081M	SV 051061
Schiavone Caroline Ann	111597M	SM 050391

No. 1618

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

Noti ta' Spjegazzjoni
(għall-finijiet tal-artikolu 3(2)(ċ) tal-Kapitolu 512 tal-Liġijiet ta' Malta)

1. Introduzzjoni

Titolu tal-Avviż Legali	Ir-regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Standards Minimi għall-Protezzjoni tal-Majjali, hawn aktar 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali".
Attività li għandha tiġi regolata	Jagħti s-setgħa lis-Servizzi Veterinarji sabiex iwettqu spezzjonijiet.
Entità responsabbli	Id-Dipartiment Għas-Saħħa u t-Trattament Xieraq tal-Annimali

2. Sommarju

2.1 Għanijiet u objettivi tal-leġiżlazzjoni

L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu li jagħti setgħa lid-Dipartiment għas-Servizzi Veterinarji sabiex iwettqu spezzjonijiet.

2.2 Konsultazzjoni Pubblika

Ma kienet meħtieġa l-ebda konsultazzjoni pubblika.

3. Ħarsa ġenerali lejn l-istruttura tal-istrument

Ir-regolamenti huma magħmula minn erba' (4) regolamenti u jikkonsistu f'dawn li ġejjin:

1. Titolu u bidu fis-seħħ.

2. Jemenda r-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali.

3. Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

4. Jissostitwixxi r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

4. Kummentarju fuq ir-regolamenti

Ir-regolament 2: Jemenda r-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali li jibdel l-għan tar-regolamenti prinċipali sabiex jagħmel referenza għad-Direttiva tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea 2008/120/KE tat-18 ta' Diċembru 2008

Ir-regolament 3: Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali sabiex jipprovdi t-tifsiriet ġodda li ġejjin: "awtorità kompetenti" u "Direttur" u jħassar it-tifsira "Dipartiment".

Ir-regolament 4: Jissostitwixxi r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali li jagħti s-setgħa lid-Dipartiment għas-Servizzi Veterinarji sabiex iwettqu spezzjonijiet.

5. Taqsima Konklużiva

Il-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti hi meħtieġa sabiex taġġorna l-leġiżlazzjoni nazzjonali mad-Direttivi attwali tal-Unjoni Ewropea fis-seħħ.

Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fi żmien xahrejn (2) mill-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta.

N.B: Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex maħsuba biex ikunu deskrizzjoni eżawrjenti tal-istrument legali u lanqas sostitut tiegħu jew suppliment leġiżlattiv għalih. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni ma jidhrux li huma deċiżjoni awtorevoli dwar l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

Il-21 ta' Novembru, 2023

Linji Gwida

1. Introduzzjoni

Titolu tal-Avviż Legali	Ir-regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Standards Minimi għall-Protezzjoni tal-Majjali, hawn aktar 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali".
Attività li ser tiġi rregolata	Jagħti s-setgħa lis-Servizzi Veterinarji sabiex iwettqu spezzjonijiet.
Entità responsabbli	Id-Dipartiment għas-Saħħa u t-Trattament Xieraq tal-Annimali

2. Għanijiet u Objettivi tal-leġiżlazzjoni

L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu li jagħti setgħa lis-Servizzi Veterinarji sabiex iwettqu spezzjonijiet.

3. Kummentarju fuq partijiet u artikoli

Ir-regolamenti huma magħmula minn erba' (4) regolamenti u jikkonsistu f'dawn li ġejjin:

1.Titolu.
2.Jemenda r-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali.
3.Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.
4.Jissostitwixxi r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

Ir-regolament 2: Jemenda r-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali li jibdel l-għan tar-regolamenti prinċipali sabiex jagħmel referenza għad-Direttiva tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea 2008/120/KE tat-18 ta' Diċembru 2008

Ir-regolament 3: Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali sabiex jipprovdi t-tifsiriet ġodda li ġejjin: "awtorità kompetenti" u "Direttur" u jħassar it-tifsira "Dipartiment".

Ir-regolament 4: Jissostitwixxi r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali li jagħti s-setgħa lis-Servizzi Veterinarji sabiex iwettqu spezzjonijiet.

Din l-informazzjoni li tinsab f'dan id-dokument hija biss hija maħsuba biss bħala linji gwida u mhijiex maħsuba, u lanqas m'għandha tiġi interpretata, bħala leġiżlazzjoni. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali relatat għal fehim aktar komprensiv.

Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ikkuntattja lit-Technical Policy and Coordination Unit fi ħdan id-Dipartiment għas-Saħħa u t-Trattament Xieraq tal-Annimali fuq is-segwenti dettalji:

Dipartiment għas-Saħħa u t-Trattament Xieraq tal-Annimali
(Attn: Direttur Ġenerali – Dipartiment għas-Saħħa u t-Trattament Xieraq tal-Annimali)
Triq il-Biccerija, Albertown, Marsa, MRS1123, Malta
Tel no: +(356) 22925100

Email: (infoahwd.mafa@gov.mt)

Dawn in-noti Noti ta' Spjegazzjoni jirreferu għall-Avviż Legali Nru. 264 ippubblikat fis-Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,149 tal-14 ta' Novembru, 2023

No. 1618

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

Explanatory Notes
((for the purposes of article 3(2)(c) of Chapter 512 of the Laws of Malta)

1. Introduction

Title of the Legal Notice	Minimum Standards for the Protection of Pigs (Amendment) Regulations, 2023, hereinafter referred to as "the regulations"
Activity to be regulated	Give the power to the Veterinary Services to carry out inspections
Responsible entity	The Animal Health and Welfare Department

2. Summary and Background

2.1 Aims & Objectives of the legislation

The objective of these regulations is to give the power to the Department of Veterinary Services to carry out inspections.

2.2 Public Consultation

No public consultation was needed.

3. Overview of the structure of the instrument

The regulations are made up of four (4) regulations and consist of the following:

1. Citation and commencement.

2. Amends regulation 1 of the principal regulations.

3. Amends regulation 2 of the principal regulations.

4. Substitutes regulation 6 of the principal regulations.

4. Commentary on the regulations

Regulation 2: Amends regulation 1 of the principal regulations which changes the scope of the principal regulations to make reference to European Union Council Directive 2008/120/EC of 18 December 2008.

Regulation 3: Amends regulation 2 of the principal regulations to provide the following new definitions: "competent authority" and "Director" and deletes the definition "Department".

Regulation 4: Substitutes regulation 6 of the principal regulations to give the power to the Department of Veterinary Services to carry out inspections.

5. Concluding Section

The publication of these regulations is required to update the national legislation with the current European Union Directives in force.

These regulations shall come into force within two (2) months from their publication in the Gazette.

N.B: These Explanatory Notes are not intended to be an exhaustive description of the legal instrument nor a substitute thereof or a legislative supplement to it. These Explanatory Notes do not purport to be an authoritative ruling on the interpretation of the legislation.

21st November, 2023

User Guidelines

1. Introduction

Title of the Legal Notice	Minimum Standards for the Protection of Pigs (Amendment) Regulations, 2023, hereinafter referred to as "the regulations"
Activity to be regulated	Give the power to the Veterinary Services to carry out inspections
Responsible entity	The Animal Health and Welfare Department

2. Objectives and Purpose of the Legislation

The objective of these regulations is to give the power to the Veterinary Services to carry out inspections

3. Commentary on parts and articles

The regulations are made up of four (4) regulations and consist of the following:

1. Citation.
2. Amends regulation 1 of the principal regulations.
3. Amends regulation 2 of the principal regulations.
4. Substitutes regulation 6 of the principal regulations.

4. Commentary on the regulations

Regulation 2: Amends regulation 1 of the principal regulations which changes the scope of the principal regulations to make reference to European Union Council Directive 2008/120/EC of 18 December 2008.

Regulation 3: Amends regulation 2 of the principal regulations to provide the following new definitions: "competent authority" and "Director" and deletes the definition "Department".

Regulation 4: Substitutes regulation 6 of the principal regulations to give the power to the Veterinary Services to carry out inspections.

Disclaimer: The information contained within this document is intended only as guidelines and is not intended, nor should be construed, as legislation. Please refer to the related legal notice for a more comprehensive understanding.

For any other information kindly contact the Technical Policy and Coordination Unit within the Animal Health and Welfare Department using the following contact details:

Animal Health and Welfare Department
(Attn: Director General – Animal Health and Welfare Department)
Triq il-Biccerija, Albertown, Marsa, MRS1123, Malta
Tel no: +(356) 22925100

Email: (infoahwd.mafa@gov.mt)

These Explanatory Notes refer to Legal Notice No. 264 published in the Supplement to the Malta Government Gazette No. 21,149 of the 14th November, 2023

Nru. 1619

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-QRENDI

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikolu 115 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Prim Ministru għoġbu jordna illi n-numri/ismijiet ta' bibien fit-toroq imsemmija fil-Qrendi, hawn taħt elenkati u speċifikati f'din l-iskeda, għandhom jinbidlu kif jidher fl-iskeda msemmija.

No. 1619

NUMBERING OF DOORS AT IL-QRENDI

IN exercise of the powers conferred by section 115 of the Code of Police Laws (Cap. 10), the Prime Minister has been pleased to order that the numbers/names of the doors in the undermentioned streets at Il-Qrendi, specified in the subjoined schedule, be altered as stated in the said schedule.

SKEDA/*SCHEDULE*
IL-QRENDI

1. **DAĦLET ID-DOKKIENA**
2. **TREJQET IL-ĦNEJJA**
3. **TRIQ IL-KAPUĊĊINI**
4. **TRIQ IL-MADONNA TAR-RUŻARJU**
5. **TRIQ IL-MAJLA**
6. **TRIQ IS-SAJJIEDA**
7. **TRIQ SAN FRANĠISK**
8. **TRIQ SAN PIETRU**
9. **TRIQ WIED ĦOXT**

1. DAĦLET ID-DOKKIENA

Meta tidħol minn Triq San Pietru
Entering from Triq San Pietru

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	1
Garaxx	2
Bieb bla numru	3
M. Lourdes House	4
Blue Grotto	5
Bieb bla numru	6
Bieb bla numru	7
Bieb bla numru	8
Charlmar	9
Garaxx	10
Sea Bird	11
Vicar	12

2. TREJQET IL-ĦNEJJA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Madonna tar-Rużarju
Left side entering from Triq il-Madonna tar-Rużarju

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Bieb bla numru	1
Garaxx	3
Garaxx	5
Bieb bla numru	7
Bieb bla numru	9

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Madonna tar-Rużarju
Right side entering from Triq il-Madonna tar-Rużarju

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Bieb bla numru	2
La Cucina di Bettina (Restorant)	4
Garaxx	6

3. TRIQ IL-KAPUĊĊINI

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Madonna tar-Rużarju

Left side entering from Triq il-Madonna tar-Rużarju

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Bieb bla numru	1
Garaxx	3
Garaxx	5
Garaxx	7
12 (Garaxx)	9
Garaxx	11
14, Madonna tal-Karmnu Boat House	13
Garaxx	15
16 (Garaxx)	17

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Madonna tar-Rużarju

Right side entering from Triq il-Madonna tar-Rużarju

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Garaxx	2
33	4
32 (Garaxx)	6
Garaxx	8
Maria Lourdes (Garaxx)	10
5	12
Garaxx	14
Garaxx	16
22 (Garaxx)	18
Ta' Frida Boathouse	20
Garaxx	22
Garaxx	24
Bieb bla numru	26

4. TRIQ IL-MADONNA TAR-RUŻARJU

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Congreve

Left side entering from Triq Congreve

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Imsella	1
Allure (Flettijiet)	3
Garaxx	5
Deep Blu Boutique Hotel	7
Sea Shell A	9
Kampanaru	11
Stella Maris	13
Bieb bla numru	15
Bieb bla numru	17
Shangri La	19
Bieb bla numru	21
Garaxx	23
Garaxx	25

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Congreve

Right side entering from Triq Congreve

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Garaxx	2
Garaxx	4
Garaxx	6
Garaxx	8
Garaxx	10
Garaxx	12
Garaxx	14
Ta' Kejli	16
Maria Stella	18
Bieb bla numru	20
Ave Marija	22
Bieb bla numru	24
Garaxx	26
Garaxx	28

5. TRIQ IL-MAJLA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Madonna tar-Rużarju

Left side entering from Triq il-Madonna tar-Rużarju

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Alka Med-Cuisine	1
Bieb bla numru	3
Bieb bla numru	5
Bieb bla numru	7
Bieb bla numru	9
Bieb bla numru	11
Bieb bla numru	13

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Madonna tar-Rużarju

Right side entering from Triq il-Madonna tar-Rużarju

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Bieb bla numru	2
Bieb bla numru	4
Iż-Żuż	6
Bieb bla numru	8
Bieb bla numru	10
Bieb bla numru	12
4	14
3	16
Blue Cave (Restorant)	18

6. TRIQ IS-SAJJIEDA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Congreve

Left side entering from Triq Congreve

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Bieb bla numru	1
Bieb bla numru	3
Garaxx	5
Id-Dwejra ta' Salvu (Garaxx)	7
Bieb bla numru	9
Bieb bla numru	11
Garaxx	13
Garaxx	15
Garaxx	17

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Congreve

Right side entering from Triq Congreve

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Blue Cave (Restorant)	2
Aalto (Restorant)	4
Coast @ Cassarini (Restorant)	6
Bieb bla numru	8
2, Boathouse	10
Bieb bla numru	12
Garaxx	14
Garaxx	16

7. TRIQ SAN FRANĠISK

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Madonna tar-Rużarju

Left side entering from Triq il-Madonna tar-Rużarju

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Luglio	1
Bieb bla numru	3
Blue Horizon	5
Garaxx	7
Garaxx	9
Summer Time (Garaxx)	11

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Madonna tar-Rużarju

Right side entering from Triq il-Madonna tar-Rużarju

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
41, Baħar Iżraq	13		
Garaxx	15		
Garaxx	17		
Garaxx	19		
Bieb bla numru	21		
Garaxx	23		
Sea Breeze	25		

8. TRIQ SAN PIETRU

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Wied Ħoxt *Left side entering from Triq Wied Ħoxt*		In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Wied Ħoxt *Right side entering from Triq Wied Ħoxt*	
Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Bieb bla numru	1	Bieb bla numru	2
Bieb bla numru	3	Garaxx	4
Bieb bla numru	5	Garaxx	6
Ta' Żuta	7		

9. TRIQ WIED ĦOXT

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Congreve *Left side entering from Triq Congreve*		In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Congreve *Right side entering from Triq Congreve*	
Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
		Mon Nid	2
		Mon Nid	4
		Bieb bla numru	6
		Step In Plus (Restorant)	8
		Step In Plus (Restorant)	10
		Step In Plus (Take Away)	12
		Bieb bla numru	14
		Bieb bla numru	16
		Garaxx	18
		Bieb bla numru	20
		Bieb bla numru	22
		Bieb bla numru	24
		Bieb bla numru	26
		Bieb bla numru	28

Nru. 1620

MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL

Għotja tal-Funeral

B'REFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 965, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 19,314 tat-23 ta' Settembru, 2014, u n-Notifikazzjoni tal-Gvern sussegwenti Nru. 1205 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 11,935 tal-31 ta' Ottubru, 2017, l-iskema ta' għotja 'Funerali' qed tiġi emendata kif ġej:

SKEMA B

Funerali

1. Tifsir

F'din l-iskema, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġ xorta oħra:

'applikant eliġibbli' tfisser persuna li tkun ħallset ilkontijiet ta' funeral ta' persuna mejta li kienet residenti f'Malta u li tkun mietet fid-data effettiva jew wara dik id-data skont ċertifikat tal-mewt maħruġ mir-Reġistru Pubbliku;

'applikazzjoni' tfisser l-applikazzjoni li ssir għall-għotja taħt din l-iskema;

'data effettiva' tfisser l-1 ta' Jannar 2014;

'oġġetti u servizzi li għandhom x'jaqsmu ma' funerali' tfisser dawk l-oġġetti u servizzi msemmija l-ewwel Skeda litinsab ma' din l-iskema;

'Malta' tfisser il-gżejjer Maltin;

'Stat Membru' tfisser Stat Membru tal-Unjoni Ewropea;

'Unjoni Ewropea' għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 2 tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea (Kap. 460), u tinkludi n-Norveġja, l-Iżlanda u Liechtenstein;

'persuna residenti f'Malta' tfisser persuna fiżika li jkollha dokument ta' identifikazzjoni legalment maħruġ skont l-Att dwar il-Karta tal-Identità u Dokumenti oħra tal-Identità (Kap.258) jew li jkollha permess ta' residenza jew dokument ekwivalenti maħruġ minn awtorità nazzjonali kompetenti;

'riċevuta fiskali' tfisser riċevuta kif imfissra fit-Tlettax-il Skeda ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406), kif sussegwentament emendat, u tinkludi kull regolament magħmul taħt l-istess Att;

No. 1620

MINISTRY FOR FINANCE AND EMPLOYMENT

Funeral Grant

WITH reference to Government Notice No. 965, published in Government Gazette No. 19,314 of the 23rd September, 2014, and the subsequent Government Notice No. 1205 published in Government Gazette No. 11,935 of the 31st October, 2017, the grant scheme 'Funerals' is being amended as follows:

SCHEME B

Funerals

1. Interpretation

In this scheme, unless the context otherwise requires:

'eligible applicant' means the person who has paid the funeral bills of a deceased person who was a resident in Malta and who died on or after the effective date as evidenced by a death certificate issued by the Public Registry;

'application' means an application made for a grant under this scheme;

'effective date' means the 1st January 2014;

'goods and services relating to funerals' means the goods and services specified in the First Schedule to this scheme;

'Malta' means the islands of Malta;

'Member State' means a Member State of the European Union;

'European Union' has the same meaning as is assigned to it by article 2 of the European Union Act (Cap. 460), and includes Norway, Iceland and Liechtenstein;

'person residing in Malta' means a natural person who either holds a legally valid identification document issued in terms of the Identity Card and other Documents Act (Cap. 258) or who has a residence permit or equivalent documentation issued by the national competent authority;

'fiscal receipt' means a receipt as defined in the Thirteenth Schedule to the Value Added Tax (Chap. 406), as subsequently amended, and also includes any regulation made by the same Act;

2. Applikabbiltà

Din l-iskema tapplika għall-infiq li jsir fuq provvisti ta' oġġetti u servizzi li għandhom x'jaqsmu ma' funerali u hija ristretta għall-persuna li tkun ħallset il-kontijiet ta' funeral ta' persuna mejta li kienet residenti Malta u li tkun mietet fid-data effettiva jew wara dik id-data.

3. L-infiq li għandu jiġi rrapportat

L-infiq li għandu jiġi rrapportat huwa dwar il-provvista ta' oġġetti u servizzi li jidhru fl-ewwel Skeda li tinsab ma'din l-iskema.

4. Kif wieħed japplika u dokumenti li għandhom jiġu pprovduti.

Applikazzjonijiet taħt din l-iskema għandhom isiru biss permezz ta' portal/s elettroniku/ċi uffiċċjali li jistgħu jiġu indikati għal dan l-iskop minn żmien għal żmien.

Għal dan l-iskop, l-applikant għandu jagħti d-dettalji tal-fatturi/l-irċevuti fiskali fuq il-portal indikat. Iżda, l-irċevuti fiskali oriġinali/fatturi u dokumentazzjoni relevanti għandhom jinżammu mill-applikant għal perjodu ta' mhux anqas minn sentejn mid-data tal-applikazzjoni u jiġu preżentati lill-Amministrazzjoni tat- Taxxa u d- Dwana meta mitluba għal skop ta' verifika.

F'każ fejn d-dokumenti ma jiġux preżentati meta mitluba, l-applikant ikun obbligat li jirrifondi l-ammont li jkun ingħata taħt l-iskema u f'każ ta' applikazzjoni frawdolenti tittieħed azzjoni kriminali kontrih skont il-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

Fil-każ ta' oġġetti u servizzi mhux mixtrija minn fornitur f'Malta jkun meħtieġ li dawn id-dokumenti kif ġej jinżammu mill-applikant għall-perjodu kif indikat iktar il-fuq. Id-dokumenti meħtieġa huma l-fattura oriġinali maħruġa mill-fornitur li tindika l-oġġetti u servizzi akwistati flimkien mad-delivery note, id-dokument oriġinali li jikkonfera li l-ħlas komplet sar, u fejn ikun meħtieġ awtorizzazzjoni mill-Maltapost/Dipartiment tad-Dwana Malta. Dawn iddokumenti jridu jikkonfermaw li l-oġġetti u servizzi relatati verament inxtraw mill-applikant, ġew ikkonsinjati lill-applikant u tħallsu mill-applikant. Barra minn hekk fejn ikun meħtieġ l-oġġetti mixtrija jrid ikollhom ċertifikat li jattesta l-konformità mal-istandards tas-saħħa u s-sigurtà tal-UE;

Ikunu jikkwalifikaw biss għall-għotja msemmija fil-paragrafu 5 ta' din l-iskema dawk l-applikazzjonijiet li jkunu jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskema.

Applikazzjoniet taħt din l-iskema, inklużi id-dettalji tad-dokumenti meħtieġa għandhom isiru sa mhux aktar tard minn sitt xhur mid-data tal-funeral. Applikazzjonijiet li jaslu

2. Area of applicability

This scheme applies to expenditure incurred on the supply of goods and services relating to funerals and is restricted to the person who has paid the funeral bills of a deceased person who was a resident in Malta and who died on or after the effective date.

3. Expenditure to be reported

The expenditure to be reported is in respect of the supply of goods and services indicated in the First Schedule to this scheme.

4. Manner of application and supporting documents.

Applications under this scheme shall be made only via the official electronic portal/s which may be indicated from time to time for this purpose.

For this purpose, the applicant shall furnish the details of the invoices/fiscal receipts as required on the indicated portal. Provided that, the original fiscal receipts/invoices and relevant documentation shall be kept by the applicant for a period of not less than two years from the date of application and produced upon request to the Malta Tax and Customs Administration for verification purposes.

Failure to produce any such documents upon request, the applicant will be obliged to refund the amount paid under the scheme and in the case of a fraudulent application criminal action in terms of the Criminal Code (Cap 9) will be taken against him.

In the case where the goods and services are not purchased from a supplier in Malta, the original invoice issued by the supplier indicating the type of goods or services acquired, together with a delivery note, the original documentary proof that final payment has been affected, and clearance from Maltapost/Department of Customs Malta as may be required, must be retained by the applicant for a period as stipulated above. This documentation should establish that the goods and services in question were purchased by, delivered to and paid for by the applicant. In addition, where required, the goods shall also have a certificate that attests conformity with EU health and safety standards;

Only those applications that are found to conform to the provisions of this scheme shall be eligible for payment of the grant referred to in paragraph 5 of this scheme.

Applications under this scheme, including the details of the documents required should be submitted by not later than six (6) months from the date of the funeral. Applications received

'tard', jiġifieri wara dawn is-sitt xhur jiġu kkunsidrati bħala applikazzjonijiet invalidi.

5. Għotja li titħallas taħt din l-iskema

L-għotja li titħallas taħt din l-iskema rigward applikazzjoni valida magħmula minn applikant eliġibbli, hija ta' 13.04% tan-nefqa rapportata fuq l-applikazzjoni sa massimu ta' Ewro 175.

6. Ħlas tal-għotja

L-għotja titħallas lill-applikant, permezz ta' kreditu dirett fil-kont bankarju indikat fl-applikazzjoni.

7. Validità tal-applikazzjoni

Applikazzjoni ma tkunx meqjusa valida jekk:

(a) ma tkunx sħiħa u dettaljata f'kull aspett materjali tagħha;

(b) ma jkollhiex mehmuż magħha d- dettalji kollha relevanti;

(c) ma tkunx sottomessa lill- Amministrazzjoni tat- Taxxa u d- Dwana permezz tal-portal elettroniku uffiċjali fi żmien sitt (6) xhur mid-data tal-funeral kif stipulat f'Sezzjoni 4 ta' din l- iskema.

8. Tul tal-iskema

Din l-iskema tibqa' fis-seħħ għal żmien indefinit mid-data effettiva, sakemm il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, jagħżel li jitterminha permezz ta' avviż li jkun ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern

9. Emendi għall-iskema

Il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol iżomm id-dritt li jagħmel kull tibdil f'din l-iskema bil-pubblikazzjoni ta' dak it-tibdil fil-Gazzetta tal-Gvern.

L-EWWEL SKEDA

Kategoriji ta' servizzi u oġġetti relatati mal-funeral Klawsola 3

1. Tebut

2. Karozza tal-mejtin

3. Kiri ta' karozzi

4. Difna

5. Fjuri/kuruni

late, that is after the six (6) month period, shall be deemed to be invalid applications.

5. Grant payable under this scheme

The grant payable under this scheme on a valid application made by an eligible applicant is 13.04% on the expenditure reported on the application form up to a maximum of Euro 175.

6. Payment of Grant

The grant will be credited to the applicant, in the bank account that is indicated in the application.

7. Validity of application

An application shall not be deemed to be valid unless:

(a) it is full and complete in all material aspects;

(b) it is accompanied by all the details as required;

(c) it is submitted to the Malta Tax and Customs Administration via the official electronic portal by not later than six (6) months from the date of the funeral as is stipulated in Section 4 of this scheme.

8. Duration of the scheme

This scheme shall remain in force for an indefinite period from the effective date, until such time that the Minister for Finance and Employment may opt to terminate it by a notice to be published in the Government Gazette.

9. Amendments to the scheme

The Minister for Finance and Employment Services reserves the right to make any amendments to this scheme by the publication of the said amendments in the Government Gazette.

FIRST SCHEDULE

Categories of supplies of goods and services connected with funerals Clause 3

1. Coffin

2. Hearse

3. Car hire

4. Burial

5. Flowers/wreaths

6. Injezzjonijiet u bbalzmar

7. Drittijiet tal-knisja

8.Kant/kor tal-knisja

9. Reffiegħa

10. Tindif tal-qabar

11. Ċaqliq tal-irħama

12. Kummissjoni

Il-21 ta' Novembru, 2023

Nru. 1621

MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL

Għotja Ordinazzjonijiet għas-Saċerdozju

B'REFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 965, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 19,314 tat-23 ta' Settembru, 2014, u n-Notifikazzjoni tal-Gvern sussegwenti Nru. 1205 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 11,935 tal-31 ta' Ottubru, 2017, l-iskema ta' għotja 'Ordinazzjonijiet lis-Saċerdozju' qed tiġi emendata kif ġej:

SKEMA C

Ordinazzjonijiet għas-Saċerdozju

1. Tifsir

F'din l-iskema, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġ xorta oħra:

'applikant eliġibbli' tfisser persuna li tkun ġiet ordnata bħala saċerdot fid-data effettiva jew wara dik id-data skont kif ċertifikat minn dokumentazzjoni uffiċjali, jew il-persuna li tkun ħallset għal riċeviment ta' din l-ordinazzjoni;

'applikazzjoni' tfisser l-applikazzjoni li ssir għall-għotja taħt din l-iskema;

'data effettiva' tfisser l-1 ta' Jannar 2014;

'oġġetti u servizzi li għandhom x'jaqsmu ma' ordinazzjoni għas-saċerdozju' tfisser dawk l-oġġetti u servizzi msemmija fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' din l-iskema;

'Malta' tfisser il-gżejjer Maltin;

'Stat Membru' tfisser Stat Membru tal-Unjoni Ewropea;

